QORTI KRIMINALI

Onor Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera

Att ta' Akkuża numru 4/2019

Ir-Repubbika ta' Malta

Vs.

Etienne Bartolo

Illum 14 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza bin-numru 4 tas-sena 2019, migjuba fil-konfront ta' Etienne Bartolo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 350780M fejn l-Avukat Generali fl-ewwel Kap ipremetta:

Illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta` Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu (01:15) il-Pulizija mill-għassa ta' B'Kara ġew infurmati li fil-limiti ta' wara l-Bażilika ta' Santa Helena, B'Kara fi Triq Tumas Fenech kien hemm persuna maskili li deher li kien ferut igħajjat għall-għajnuna. Illi malli l-Pulizija waslu fuq il-post ħadet is-soliti prekawzjonijiet sabiex

tippriżerva x-xena tad-delitt billi għalqet l-aċċess tal-madwar filwaqt li uffiċjali oħra aċċedew direttament lejn l-allegat vittma li kien jinsab bilqegħda fuq il-bankina taħt il-Cafetteria Tre Colonne, iżomm idejh ma sidru assistit minn żewġ irġiel oħra fejn dehret evidenti l-preżenza qawwija ta' demm. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-vittma kien jismu Roderick Grech li sakemm waslet il-pulizija kien mitluf minn sensih. Illi fuq il-post ġiet innotata wkoll vettura tal-għamla Ford Fiesta JBK 112 fin-nofs tat-triq tħares lejn id-direzzjoni tal-bypass, li għalkemm kienet wieqfa kienet għadha bil-magna għaddejja u bid-dawl tal-ġenb mixgħulin.

Illi minn investigazzjoni ulterjuri rriżulta li għall-ħabta tas-siegħa u għaxra ta' filgħodu (01:10) tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu ċertu Moira Cortis li toqgħod fi Triq Tumas Fenech osservat persuna li rriżulta li kien Roderick Grech qed iżomm l-istonku jgħajjat Gejtu Gejtu għall-għajnuna ħdejn Blokk K li tinsab fi Triq Venerabbli Nazju Falzon, kantuniera mal-imsemmija triq Tumas Fenech. Illi mix-xena tad-delitt kien evidenti li l-imsemmi Roderick Grech irnexxielu jidħol fl-imsemmija blokka dana peress li ġiet innotata preżenza ta' demm kemm fl-entratura tal-blokka kif ukoll fl-indana fuq ġewwa u fil-komun liema traċċi tad-demm baqgħu jidhru sal-appartament numru tlieta (3) fejn f'dan tal-aħħar kien hemm anke d-demm mal-koxxa tal-bieb. Illi rriżulta oltre li fl-appartament numru tlieta (3) kien joqgħod ċertu Gejtu Bonnici iżda meta l-pulizija tkellmet kemm ma l-imsemmi Gejtu kif ukoll ma xi familjari oħra ftit li xejn ingħatat informazzjoni siewja peress li ħadd minn dawk mitkellma ma sema' u/jew ra xi ħaġa. Illi meta l-pulzija tkellmet maż-żewġ irġiel li kienu qed jassistu l-vittma fuq ix-xena tad-delitt senjatament jekk kienux tkellmu mal-vittma qabel ma ntilef minn sensieh wieħed minnhom stqarr li meta saqsieh x'kien ġaralu l-vittma beda jgħidlu l-kliem il-vojt, il-vojt, il-vojt. Illi b'din l-informazzjoni l-pulizija kompliet tintaga u minn aktar stħarriġ irriżultalha li fi Triq il-Laqxija kienet toqgħod

persuna magħrufa propju bil-laqam 'vojt'. Illi l-Pulizija kkonfermat oltre' li din il-persuna kien jisimha Etienne Bartolo, l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi in segwitu ta' din l-informazzjoni l-pulzija talbet għall-mandati rispettivi bil-għan illi tkun f'pożizzjoni tipproċedi bit-tfittxijiet neċessarji kemm fil-konfront tal-akkużat Etienne Bartolo kif ukoll fir-residenza tiegħu ġewwa l-Laqxija. Illi malli l-pulizija stabbiliet u aċċediet fir-residenza tal-akkużat irriżulta li dak il-ħin kien jinsab barra fuq xogħol iżda malli ġie mitkellem mill-pulizija rrikorra minn jeddu ġewwa l-għassa tar-Rabat u sussegwentement ittieħed gewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja fejn hemmhekk ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi qabel ma ttieħdulu l-istqarrijiet. Illi mir-residenza ġew elevati wkoll xi ħwejjeġ u żarbun għal aktar eżamijiet forensiċi. Illi fl-istqarrijiet tiegħu l-akkużat ikkonferma li dak in-nhar tal-akkadut kien ċempel lil Roderick Grech fil-ħin bikri ta' filgħodu sabiex jiltaqgħu fejn il-policlinic fi Triq Tumas Fenech biex jixtri xi sustanzi. Illi skont l-akkużat, waqt li kienu fil-vettura Ford Fiesta, inqala argument rigward il-ħlas peress li dak il-ħin kien bla flus fejn minn naħa tiegħu baqa' jinsisti ma Roderick Grech biex jagħtih is-sustanza b'dan tal-aħħar jibqa' jirrifjuta li jtih is-sustanza mingħajr ħlas. Illi skont l-akkużat għal xi raġuni Roderick Grech ħebb għalih bl-akkużat jirrejaġixxi billi ħareġ il-mus li kellu fuqu u xejjer xi daqqiet fid-direzzjoni ta' Roderick Grech. Illi malli Roderick Grech intlaqat ħareġ jiġri mill-vettura jgħajjat għall-għajnuna bl-akkużat jaħrab jiġri lejn id-direzzjoni tal-bypass. Illi meta mistoqsi x'kien għamel bil-mus qal li kien ramih ġewwa baskett fi triqtu lejn id-dar liema mus baqa' qatt ma nstab.

Illi fir-rigward tal-vittma, huwa ttieħed immedjatament l-Isptar Mater Dei permezz tal-ambulanza f'qadgħa ferm kritika tant illi fil-31 ta' Marzu Roderick Grech ġie ddikjarat mejjet. Illi mir-relazzjonijiet tat-tabib medikolegali u tal-pataloġisti rispettivament jirriżulta li Roderick Grech filfatt kien sofra sitt leżjonijiet, tlieta fuq is-sider, oħra fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id-il leminija,

oħra fil-qasba tas-sieq il-leminija kif ukoll oħra fuq l-għonq b'dik fatali, skont il-patoloġisti, tkun dik ta' fuq sidru.

Illi minn tali eżamijiet forensiċi huwa evidenti, li l-vittma Roderick Grech safa attakkat b'diversi daqqiet ta' sikkina u jew ta' strument li jaqta' u jew bil-ponta mingħand Etienne Bartolo għalkemm jirriżulta li l-istess Roderick Grech ma kienx armat u għalhekk qatt ma seta' jkun ta' theddida fil-konfront tal-akkużat u li jiġġustifika l-aġir doluż tiegħu. Illi minn tali daqqiet huwa evidenti li l-akkużat Etienne Bartolo ried dolożament u volontarjament joqtol u/jew ipoġġi l-ħajja tal-istess Roderick Grech f'perikolu ċar tant illi l-istess Roderick Grech safa mejjet kaġun tad-daqqa ta' sikkina li qala fuq sidru mingħand l-akkużat Etienne Bartolo.

Illi b`għemilu Etienne Bartolo sar ħati tallli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Roderick Grech f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt tal-istess Roderick Grech.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Etienne Bartolo ħati talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jpoġġi l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Etienne Bartolo u illi huwa jigi kkundannat il-piena ta' prigunerija ghal ghomru skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 30, 211(1), 211(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi dakinhar tal-akkadut u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fid-disgħa u għoxrin (29) ta` Marzu tas-sena

elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-siegħa u għaxra ta' filgħodu (01.10), jirriżulta li filwaqt li l-akkużat Etienne Bartolo agredixxa lil Roderick Grech, kellu fuq il-persuna tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta liema strument li jaqta u/jew bil-ponta ntuża fil-konfront tal-imsemmi Roderick Grech hekk kif jikkonfermaw it-tabib medikolegali u l-patoloġisti rispettivament. Illi l-akkużat ma ressaq l-ebda prova ta' liċenzja u/jew ta' permess tal-Kummissarju tal-Pulizija li tippermettilu jġorr sikkina barra mid-dintorni tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Etienne Bartolo sar ħati talli, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Etienne Bartolo, ħati talli, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Etienne Bartolo u illi huwa jigi kkundannat multa ta' mija u sittax-il euro u segha u erbghin centezmu (€116.47) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminal, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta jew ghall kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-tija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:

Illi dakinhar tal-inċident u fiċ-ċirkostanzi hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fid-disgħa u għoxrin (29) ta` Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) għal-ħabta tas-siegħa u għaxra ta' filgħodu (01.10), jirriżulta

li minħabba l-atteġjament u l-imġieba tal-akkużat li seħħet fi triq pubblika, l-akkużat volontarjament iddisturba l-kwiet pubbliku u b'hekk kiser il-bon ordni u l-kwiet fil-pubbliku b'mod ġenerali.

Illi b'għemilu l-imsemmi Etienne Bartolo sar ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Etienne Bartolo, ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Etienne Bartolo u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' xahrejn detenzjoni skont dak li hemm u intqal fl-artikoli 7(2)(a), 12(1), 17, 31, 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghall kull pienaohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat il-verdett tal-gurati ta' llum 14 ta' Marzu, 2020, fejn il-gurati ddikjaraw illi:

L-EWWEL KAP

Il-gurati b' 7 voti favur u b' 2 voti kontra isibu lil Etienne Bartolo hati tal-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza b' dana pero' li r-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm hu agixxa minnhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta' haddiehor, hareg barra mill-limiti imposti mill-ligi, jew mill-awtorita' jew mill-bzonn.

IT-TIENI KAP

Il-gurati unanimament, jsibu lil Etienne Bartolo hati tal-akkuza skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

IT-TIELET KAP

Il-gurati unanimament, jsibu lil Etienne Bartolo hati tal-akkuza skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara lill-Etienne Bartolo hati talli:

1. Dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Roderick Grech f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt tal-istess Roderick Grech b' dana pero' li r-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm hu agixxa minnhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta' haddiehor, hareg barra mill-limiti imposti mill-ligi, jew mill-awtorita' jew mill-bzonn.

2. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Ikkunsidrat,

Il-Qorti semghet il-partijiet jitrattaw il-kwistjoni ta' piena li din il-Qorti ghandha teroga b'mod partikolari sabiex tirrifletti l-vot mehud tal-gurija f'dan il-kaz. Il-prosekuzzjoni tablet lil din il-Qorti tghaddi lejn il-massimu tal-piena stabbilita' fil-ligi u dan fuq il-premessa illi l-persuna li tilfet hajjitha kellha eta' zghira u stante li l-hajja ma ghandiex prezz.

Semghet ukoll lil parte civile titlob lil Qorti sabiex tkun severa fil-piena li teroga u dan sabiex tghati messagg lis-socjeta' li l-valur tal-hajja huwa wiehed imprezzabbli.

Min naha l-ohra il-Qorti semghet l-argumenti sollevati mid-difiza, fis-sens illi l-piena li ser tinghata ghandha tirrifletti il-vot tal-gurija, u cioe' li kien sebgha voti favur u tnejn kontra.

Id-difiza sostniet ukoll illi in effett il-gurija laqghet id-difiza taghha fis-sens illi l-akkuzat kien qed jagixxi sabiex jipprotegi persuntu f'cirkostanzi fejn huwa instab f'karozza flimkien mal-vittma f'mument meta l-vittma kienet qeghda tispacca d-droga u ma rieditx tghati l-qartas tad-droga lill-akkuzat li ma kellux flus.

Ghamlet referenza wkoll ghall-fedina penali tal-akkuzat li tinsab inserita fl-atti a fol 8 et seq u minn ezami tal-istess jirrizulta illi huwa nstab hati ta' reati ta' portata zghira fosthom serq ta' mobile meta kellu 23 sena, nuqqas ta' obbidjenza lejn ufficjal pubbliku meta kellu 24 sena, pussess ta' droga fis-sena 2011 meta kellu 31 sena fost kontravenzjonijiet ohra.

Jirrizulta mill-analizi tal-istess illi f'dawn l-ahhar disa' snin l-akkuzat ma nstabx hati ta' l-ebda reat iehor u ghalhekk jista' jghati l-kaz illi dak mistqarr minn l-avukat difensur illi r-reati subiti mill akkuzat kif riflessi fil-fedina penali tieghu, kienet mewga ta' delinkwenza izda mhux reita' illi huwa ghaddha minnha.

Illi l-Qorti tat piz ukoll il-vot tal-gurija li fil-fatt ma kienx wiehed unanimu, ukoll meta giet biex tikkalibra l-piena idonea ghall-dan il-kaz.

Ikkunsidrat,

Il-legislatur pprovda fl-artikolu 228(3) x'piena ghandha tinghata f'kaz ta' htija, ghar-reat ta' omicidju volontarju skuzabbli bil-eccess tal-legittima difeza, li sar skont l-artikolu 227(3) tal-Kodici Penali u cioe' illi l-akkuzat jista' jehel piena ta' prigunerija ghall-zmien mhux aktar minn tnax il-sena. Pero' fl-istess hin ma pprovda ghall-ebda minimu.

F'dan il-kaz jirrizulta illi l-vittma kien spaccatur tad-droga u li in effetti kienet din il-vicenda stess li wasslitu ghall-mewt tieghu. Il-Qorti tikkundanna din l-attivita' illegali bil-qawwa kollha u jiddispjaciha tinnota li qedha tkun il-kawza ta' mwiet ta' nies anke ta' eta' zghira. Minkejja dan, naturalment, l-akkuzat ukoll ghandu jhallas ta' eghmilu u cioe' li huwa qatel bniedem, filwaqt li huwa kien b'mod eccessiv qieghed jipprova jiddefendi l-persuna tieghu u ghaldaqstant thoss li piena karcerarja effettiva hija idonea. Fic-cirkostanzi tal-kaz, u cioe' in vista' tal-verdett moghti mill-gurija, ma thoss illi jkun opportun pero' li l-piena moghtija minn din il-Qorti ghandha tkun lejn il-massimu taghha u dan ghaliex thoss illi l-piena applikabbli ghandha tkun riflessa fil-gudizzju mehud mill-gurija fil-verdett taghhom.

Il-Qorti, hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq imsemmija favur l-akkuzat, waqt li mill-banda l-ohra, hasset li ma setghetx tinjora l-fatt li minhabba ddecizjoni tal-hati li jirrikorri ghall-uzu tal-arma meta dan ma kienx mehtieg, spiccat li ntemmet il-hajja ta' zaghzugh iehor, u dan l-agir ma jistax ma jigix punit skond il-ligi, sija pure f'mizura ferm temperata ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi, senjatament 7(2)(a), 12(1), 17, 30, 31, 211(1), 211(2), 223, 227(d), 228(3), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll 6, 24 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-Etienne Bartolo ghall-perijodu ta' prigunerija

ghall-perijodu ta' hames snin, minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, flimkien ma multa fil-massimu pprovdut fil-ligi ta' mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

Torda wkoll lill-hati ihallas is-somma ta' €19,885.16 raprezentanti l-ispejjez inkorsi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fi zmien sentejn m'illum.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti torneda wkoll li ma għandha tinħareġ ebda liċenzja taħt l-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-hati ghall-perijodu ta' hames snin m'illum.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti konnessi mar-reat senjatament id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha li ghandhom jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur